MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 155/2002/1

**Vincent Barun**

**vs**

**Polidano Brothers Limited u Francis Saliba**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-8 ta` Frar, 2002, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur Vincent Barun hu impjegat bhala *site foreman* mas-socjeta` konvenuta Polidano Brothers, Limited ma liema socjeta` wkoll huwa mpjegat il-konvenut Francis Saliba, bhala *operator*;

Fis-6 ta` Awissu, 1999, waqt li l-attur kien qieghed fuq xoghol mas-socjeta` Polidano Brothers Limited, liema

xoghol kien konsistenti fi thammil ta` blat fuq il-progett biex jigi zviluppat l-Embassy Complex fi Triq Santa Lucia, il-Belt, huwa ntlaqat mill-musmar tal-*escavator* tas-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Limited u li kienet qed tigi operata mill-konvenut Francis Saliba, bil-konsegwenza li l-attur sofra korriment f`saqajh ix-xellugija;

Bhala rizultat ta` dan l-incident l-attur sofra disabilita` permanenti f`siequ ix-xellugija;

Il-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-istess attur;

Il-konvenuti gew ufficjalment interpellati, permezz ta` ittri ufficjali datati 22 ta`Mejju, 2001 u fil-31 ta` Awissu, 2000, jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta` danni, izda xorta baqghu inadempjenti.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghall-incident li fih l-attur sofra dizabilita` permanenti;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess attur bhala risultat tal-incident hawn fuq imsemmi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali hawn fuq imsemmija, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuti, li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

1. It-talbiet ta` l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident *de quo* mhix responsabbli s-socjeta` eccipjenti;

2. Ghalhekk isegwi illi s-socjeta` eccipjenti ma ghandha tigi kkundannata thallas ebda danni lill-attur;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur irid igib il-prova tad-danni lamentati u fin-nuqqas it-talbiet tieghu ghandhom ikunu michuda;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Francis Saliba li in forza taghha eccepixxa illi:

1. It-talbiet ta` l-attur huma nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-incident li sehh fis-6 ta` Awissu, 1999, li sehh minhabba traskuragni u imperizja ta` l-attur innifsu;

2. Ghalhekk l-eccipjenti m`ghandux jigi kkundannat ihallas ebda danni lill-attur;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tal-24 ta` Mejju, 2002, li in forza tieghu gie mahtur bhala perit mediku, Dr. Anthony Galea Debono, suggerit mid-difensuri tal-partijiet, sabiex jirrelata dwar il-percentagg ta` disabilita` allegata mill-attur;

Rat ir-rapportipprezentat mill-imsemmi perit tekniku u minnu mahluf fl-udjenza tal-14 ta` Novembru, 2002;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza ta` korriment fuq il-lant tax-xoghol li sehh fis-6 ta` Awissu, 1999. Is-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Ltd kienet qed taghmel xoghol ta` twaqqih, kif ukoll ta` tqattigh u kostruzzjoni ta` bini fl-Embassy Complex fil-Belt Valletta. Dan il-kumpless kien originarjament compost minn cinemas, pero`, l-izvillupatur ‘l gdid, waqqa` il-bini l-antik u minflok bena kumpless gdid b`cinemas, hwienet u stabbilmenti tal-ikel. Meta sehh l-incident, il-bini l-antik kien gia twaqqa`, u, kien qed isir xoghol ta` thaffir ghal pedamenti. L-attur kien qed jahdem bhala foreman mas-socjeta` konvenuta, u dak inhar tal-incident, huwa kellu jidderigi escavator fix-xoghol li kien qed isir; dak il-hin dan l-escavator kien qed jinhadem mill-konvenut Saliba. L-arm ta` dan l-escavator kien twil madwar 50 pied, u fit-tarf tal-arm ikun hemm musmar li jqatta` l-blat. L-attur kien madwar zewg metri ‘l boghod minn fejn kien qed isir tqattih ta` blat u kien qed jindika lil Saliba fejn dan kellu jhaffer; b`incident, dan Saliba laqat il-leaver u l-arm tal-escavator laqtet saqajn l-attur. L-attur, dak il-hin, kien liebes *safety shoes*, pero`, xorta wahda bl-incident inqatghawlu t-tliet iswaba tan-nofs ta` saqajh, u z-zewg swaba l-ohra gew milquta bl-istess xafra. Minn dawn is-swaba, tnejn twahlu lura wara intervent mediku fl-isptar, izda s-seba` l-iehor ma setax jigi rrangat.

L-attur irrakonta li mas-socjeta` konvenuta, il-haddiema huma *“msawta”*, ghax il-kumpanija tesigi li ghandu jinqata` certu volum ta` xoghol f`tant hin, u fin-nuqqas, is-Sur Polidano, proprjetarju tas-socjeta` konvenuta, jghajjat maghhom. L-escavator innifsu ma jafx li fih xi difett, u l-incident gara peress li hu kien vicin il-musmar, meta d-driver tal-escavator ha xi skoss u laqghat il-leaver. L-attur jghid li hi prattika normali li jkunu vicin il-musmar, u anke meta jkun *on site* mal-imghallem stess, gieli kienu aktar vicin minn hekk. Kieku kien hdejn id-driver, l-attur kien xorta wahda jkun jista` jara u jsegwi x-xoghol li kien qed isir.

Jirrizulta wkoll li, fil-kors tal-progett, saru diversi rapporti kontra s-socjeta` konvenuta minhabba nuqqasijiet fir-rigward tar-regoli tal-*health and safety* tal-haddiema.

Ufficcjali tal-Awtorita` tas-Sahha u Sigurita` fuq il-post tax-xoghol ghamlu diversi *site inspections*, u b`rizultat ta` dawn, hargu diversi rapporti u tahrikiet kontra s-socjeta` konvenuta minhabba diversi nuqqasijiet. Kif xehed Noel Cachia, senior officer mal-Awtorita` imsemmija, b`rizultat ta` l-inspections li kienu jsiru, kienu rrizultaw *"hafna nuqqasijiet".* Bhala x`kienu t-tip ta` nuqqasijiet li kien jiskontraw, huwa kompla jixhed f`dan il-mod:

*"Niftakar li kien hemm hafna ftuh, jigifieri open edges fejn dak li jkun jista` jaqa` ghal isfel. Kien hemm ukoll nuqqas ta` protective clothing. Kien hemm nuqqasijiet ukoll u traskuragini fid-dawl u dan qed nirreferi ghas-sistema ta` l-elettriku bhal, per ezempju, trailing cables. Kien hemm bad working practices fl-uzu tal-krejnijiet u makkinarju simili".* Gieli ittiehdu wkoll passi kriminali kontra l-haddiema stess li jibqghu jinjoraw s-*safety instructions* moghti lilhom mill-ufficcjali tal-Awtorita` tas-Sahha u Sigurta`.

Dwar *safety equipment*, jirrizulta wkoll minn provi ohra li s-socjeta` konvenuta qatt ma riedet tipprovdi *safety equipment* ghal haddiema taghha, u kienet tippretendi li l-haddiem li, per ezempju, ried ikollu *safety shoes*, kellu jixtrihom hu stess. Dak inhar tal-incident, l-attur kien, pero`, libes *safety shoes* li kien provdilu l-imghallem, u dan kien ipprovdihulu ghax jaf li l-attur hu haddiem *"biezel"*.

L-incident in kwistjoni ma giex notifikat lill-Awtorita` kif titlob il-ligi.

Jigi rilevat li a termini tal-Att numru VII tal-1994 biex jippromwovi s-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol (Kap. 367), li kien fis-sehh meta gara l-incident in kwistjoni, fl-artikolu 2 u 3 tal-istess jinghad:

*"Art. 2 (3) "Huwa dmir ukoll ta` min ihaddem li jizgura illi kull process ta` xoghol imqabbad minnu jkun hieles minn kull sogru bla bzonn ghas-sahha u minn kull perikolu li jista` jigi evitat ghall-inkolumita` fizika u psikologika tal-haddiema mpjegati minnu u ta` haddiema impjegati minn*

*xi persuna li lilha jkun qabbad xi xoghol, sew jekk tkun persuna li timpjega lilha nifisha, kuntrattur jew sub-kuntrattur”*.

*“Art. 3 (2). “Illi huwa dmir ta` min ihaddem lil xi persuna ohra li jizgura li l-post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inklumita` fizika u psikologika tal-haddiema”*.

Fil-gurisprudenza taghna, imbaghad, gew stabbiliti diversi principji li jirregolaw ir-responsabilita` ta` sid ta` intrapriza biex ihares is-sahha tal-impjegati tieghu.

Fil-kawza “Calleja vs Fino”, deciza minn din il-Qorti fl-10 ta` Ottubru, 1980, gie kwotat b`approvazzjoni li:

*“It is the employer`s duty to provide a safe system of work. Any injury to which the employee has not contributed would be the sole responsibility of the employer. The fact that the system adopted had been in use for years without incident, is not proof that the system is safe: the accident in question justifies this”*.

Fil-kawza “Borg vs Wells et”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-9 ta` Settembru, 1981, kompla jizdied li: *“In planning a system of work the employer must take into account the fact that workman become careless about risks involved in their daily work”*.

Fil-kawza “Grech vs Ellul”, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Gunju, 1996, intqal: *“It is the duty of every employer to take all reasonable care for his employee`s safety in all circumstances at their place of work”*.

Fil-kawza “Grech vs Farrugia”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta` Dicembru, 1994, intqal li: *“Il-makkinarju ghandu jkun imhares b`mod illi ma jirrekax hsara li min qed jahdem fuqu, jew qed jadoperah anke meta dan ma jkunx qed jahdem fuqu, jew juza dak il-makkinarju minghajr dik l-attenzjoni u prudenza li wiehed jistenna bhala normalita` u dan biex jaghmel tajjeb ghal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal li jsofri*

*haddiem industrijali, proprju ghaliex dik l-aljenazzjoni tkun, fil-maggoranza tal-kazijiet, indotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali".*

Stabbiliti dawn il-principji, mill-provi ma jidhirx, fil-fehma tal-Qorti, li s-socjeta` konvenuta wettqet l-obbligu taghha li tasigura li l-post fejn kien qed isir xoghol *"ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha"* tal-haddiema. Is-socjeta` konvenuta wriet *disregard* totali ghas-sahha tal-haddiema, u kienet sistematikament tirrikorri ghal *bad working practices*. L-enfazi tal-kumpanija kien mixhut kollu kemm hu fuq il-produzzjoni u fuq il-htiega li x-xoghol isir malajr u b`anqas spiza; dawn huma ghanijiet ta` kull socjeta` kummercjali, pero`, dawn l-ghanijiet m`ghandhomx jigu milhuqa a skapitu tas-sahha tal-haddiema. Dak li qal l-ufficjal Noel Cachia, huwa indikattiv ta` traskuragini u non kuranza totali da parti tas-socjeta` konvenuta lejn l-interessi tal-haddiema taghha, u peress li mhux daqshekk facli ghal min irid jahdem fil-kostruzzjoni tal-bini li jsib xoghol regolari f`dik is-sengha, l-attitudini tas-socjeta` konvenuta hija li, jekk hemm bzonn, *"isawwat"* lill-haddiema billi timponi fuqhom pressjoni ta` xoghol u produzzjoni biex tilhaq l-ghan taghha.

F`dan il-kaz, kien jirrizulta li l-foreman in charge mix-xoghol tal-escavator, kien jithalla joqghod f`distanza ferm vicina tal-arm; l-imghallem, anzi, kien jaghti l-ghar ezempju, billi hu stess, meta jkun fuq is-sit, joqghod vicin ferm il-musmar li jkun qed jaqta`l-blat. Din kient prattika accettata u anzi, imhajra, mis-socjeta` konvenuta, u ebda konsiderazzjoni ma kienet tittiehed ghal fatt li dik kienet prattika perikoluza. Li tqieghed haddiem hekk vicin arma hekk lethali, is-socjeta` konvenuta kienet qed tiehu sogru bla bzonn, u kellha tikkunsidra li, f`dik il-pozizzjoni, seta` facilment jigri incident b`rizultat ta` nuqqas ta` attenzjoni momentanea ta` dak il-haddiem jew tas-sewwieq tal-escavator. Is-socjeta` konvenuta ma kienetx tqies x`seta` jigri f`kaz ta` aljenazzjoni tal-attenzjoni da parti tas-sewwieq, u, kif intwera, hija kellha obbligu tikkawtela anke kontra dan.

Mhix raguni li l-attur messu kien responsabbli bizzejjed biex ma joqghodx fejn kien. Hu d-dover ta` min ihaddem li jipprotegi s-sahha tal-haddiema tieghu. Li foreman jiehu dik il-pozizzjoni, kien ilu li jsir, u nonostante l-periklu evidenti, is-socjeta` konvenut ma hadetx passi biex twaqqaf dik il-prattika; anzi, kif intwera, l-imghallem stess kien, bl-agir tieghu, jistieden din il-prattika, billi hu stess, flimkien mal-foreman, kien jiehu pozizzjoni simili.

Il-haddiem li jkun taht pressjoni biex jara li x-xoghol isir malajr, u li ghandu tendenza li jonqos mill-prudenza u ghaqal fuq il-post tax-xoghol, m`ghandux tort jekk jissogra z-zejjed, u hija l-obbligu ta` min haddem li jikawtela kontra dan. Is-sid ghandu dmir jikkontrolla l-haddiema tieghu, jipprovdi *safety equipment* u jara li jintuzaw, jkun alert ghal *dangerous practices* tal-haddiema tieghu, u jassigura li dawn ma jitkomplewx. L-incident ma kienetx rizultat ta` xi haga instantanea u *"one off"* li ghamel il-haddiem, izda rizultat ta` prattika hazina li sid l-intrapriza kien jippermetti u jhalli li ssir.

Ghar-rigward tal-konvenut Saliba, is-sewwieq tal-escavator, din il-Qorti ma tista taddebitah b`ebda htija. Veru li kien hu li laqat il-leaver, u kien qed jahdem *"bl-ghama"*, izda ghal dawn in-nuqqasijiet, huwa min ihaddem li jrid jipprevedi, ghax hu ammess li dawn l-aljenazzjonijiet jigru, u jigru fuq bazi regolari. Min ihaddem irid jara li, b`rizultat ta` dawn l-aljenazzjonijiet, ma tigrix hsara fuq il-haddiema, u kellu jassigura li, f`dan il-kaz, il-foreman ikun f`distanza tajba li, f`kaz ta` xi zball, hu ma jsofrix sfregu.

Ir-responsabilita` ghall-incident, hija, ghalhekk biss tas-socjeta` konvenuta.

Dwar id-danni jirrizulta li, qabel l-incident, l-attur kellu 35 sena u kellu dhul, bl-overtime b`kollox, ta` Lm67 fil-gimgha. Il-percentagg ta` dizabilita` giet kalkulata ghal 7%. L-attur, hu veru, ma waqafx jahdem minhabba l-incident, pero`, kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Zerafa vs Sacco", deciza fl-1 ta` Ottubru, 2003, *"fil-kaz in ezami trattandosi ta` dizabilita` permanenti minhabba sfregju, fil-waqt li huwa veru li din it-tip ta` dizabilita` mhux ser*

*twaqqfu milli jahdem, pero`, taghalaqlu l-opportunita` ghal diversi possibilitajiet ta` xoghol u, ghalhekk, ma jistax ma jigix ikkunsidrat l-aspett ta` lucrum cessans".*

Hekk ukoll fil-kawza "Magro vs Busuttil", deciza minn din il-Qorti fid-9 ta` Dicembru, 1982, intqal hekk:

*"Il-konvenut ghamel osservazzjonijiet fis-sens li l-attur, ghalkemm sebghu tan-nofs gie parzjalment amputat, eppure baqa` jahdem fejn kien bl-istess paga, u, ghalhekk, ma tilef xejn. Ma kien hemm xejn, pero`, qabel l-incident li ma tul dawn l-34 ta` hajja lavorattiva li fadallu li jipprekludi lill-attur li japplika ghax-xoghol iehor izjed rimunerativ, anke manuali, fejn ikollu juza s-swaba kollha tieghu. Illum, wara l-incident, dana ma jistax jaghmlu stante l-feriti li huwa sofra. Fi kliem iehor, l-attur gie prekluz milli jaghmel xoghol li kien ikun jista` jaghmel kieku ma korriex"*.

Ghar-rigward tal-multiplier, in vista tal-fatt li l-attur kellu 35 sena meta sehh l-incident, il-Qorti sejra tadotta multiplier ta` 20 (ara, ghal riflessjonijiet fuq dan, is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta` Frar, 2004, fil-kawza fl-ismijiet "Caruana vs Camilleri").

Dwar l-income tal-attur, din hija bazata fuq il-minimum wage, pero`, meta tqies iz-ziedet li jkun hemm fil-pagi u l-medda taz-zmien li l-attur ghad ghandu fil-hajja tax-xoghol, il-Qorti tqies li ghandha tadotta income annwali ta` Lm6,000, mil-liema somma m`ghandux ikun hemm tnaqqis la minhabba hlasijiet tal-income tax (ara "Muscat vs Schembri", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Jannar, 1972), u lanqas minhabba l-hlasijiet tal-PAYE jew ta` kontribuzzjonijiet tas-sigurta` nazzjonali (ara "Caruana vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fit-23 ta` Novembru, 1983).

Ghalhekk, il-kumpens dovut lill-attur ghandu jinhadem u jirrizulta hekk:

Lm 6,000 x 20 x 7 % = Lm 8,400

Peress li l-incident sehh fl-1999, il-Qorti, sejra tnaqqas 18 % bhala lump sum deduction; b`hekk, il-kumpens ikun ta` Lm 6,888.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut Francis Saliba u tilliberah minn kull imputazzjoni ta` responsabilita`, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Limited, tilqa` t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Ltd, tiddikjara u zzomm li din is-socjeta` responsabbli ghall-incident li sehh fis-6 ta` Awissu, 1999, li fih wegga` l-attur, u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta, is-socjeta` Polidano Brothers Limited, thallas lill-attur is-somma ta` Lm 6,888 (sitt elef, tmien mija u tmienja u tmenin liri Maltin) in linea ta` danni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Limited.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------